A.L. 43 ta' l-1991

ATT TA' L-1990 DWAR TAXXA FUQ L-INFIQ (ATT NRU. XXII TA' L-1990)

Regolamenti ta' l-1991 dwar il-Proċeduri fil-Bord ta' l-Appelli dwar Taxxa fuq l-Infiq

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 11 u 14 ta' l-Att ta' l-1990 dwar Taxxa fuq l-Infiq, iċ-*Chairman* tal-Bord ta' l-Appelli u l-Ministru tal-Finanzi għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1991 dwar il-Proceduri fil-Bord ta' l-Appelli dwar Taxxa fuq l-Infiq.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

Att XXII ta' l-1990.

"Att" tfisser l-Att ta' l-1990 dwar Taxxa fuq l-Infiq;

Kap. 12.

"Bord" tfisser il-Bord ta' l-Appelli mwaqqaf bl-artikolu 11 ta' l-Att;

"Kodiċi" tfisser il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Laqgħat tal-Bord.

3. Il-Bord għandu jitlaqqa' miċ-*Chairman* kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien.

Membri jistgħu jastjenu jew jiġu rikużati.

4. (1) Iċ-*Chairman* u kull membru tal-Bord jista' jastjeni ruħu jew jista' jiġi rikużat għal kull waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 734 tal-Kodiċi.

(2) Kull kwistjoni dwar xi raġuni ta' astensjoni jew rikuża, u kull kwistjoni dwar proċedura, għandha tiġi deċiża miċ-*Chairman* tal-Bord.

Deċiżjonijet tal-Bord.

5. (1) Ħlief kif provdut xort'oħra f'dawn ir-regolamenti, id-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom jittieħdu b'maġġoranza ta' voti.

(2) Id-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom ikunu bil-miktub u għandhom ikunu ffirmati miċ-*Chairman*, u l-oriġinal għandu jinżamm fir-Reġistru tal-Bord flimkien ma l-inkartament sħiħ tal-proċedimenti ta' kull appell.

Segretarju tal-Bord.

6. (1) Il-Ministru għandu jaħtar Segretarju tal-Bord u dawk l-uffiċjali l-oħra li jkunu meħtieġa minn żmien għal żmien u għandu jistabbilixxi d-dmirijiet tagħhom.

(2) Is-Segretarju tal-Bord għandu jkollu, *mutatis mutandis*, dawk is-setgħat u d-dmirijiet kollha li huma mogħtijin lir-Reġistratur tal-Qorti Superjuri jew vestiti fih bil-Kodiċi.

Xiehda u provi.

7. Għall-fini ta' —

(a) s-smiegħ u l-eżami tax-xhieda u għat-twettiq ta' l-attendenza ta' xhieda;

(b) il-produzzjoni ta' kotba u dokumenti oħra;

(ċ) il-ħatra ta' periti legali jew tekniċi,

il-Bord għandu jkollu dawk is-setgħat kollha li huma mogħtijin bil-Kodiċi fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, u għandu, *mutatis mutandis*, ikun regolat bir-regoli xierqa mniżżlin fih:

Iżda —

(i) l-iskrivan, l-aġent, l-impjegat jew kull persuna oħra konfidenzjalment impjegata fl-affarijiet ta' l-appellant u l-ġenituri, żewġ jew mart jew it-tfal ta' l-appellant, ma jissejħux biex jixhdu jew biex ikunu eżaminati ħlief meta jitlob l-appellant;

(ii) kull persuna, barra mill-*Accountant General*, li jkollha jew kellha xi dmir uffiċjali jew li hi jew kienet impjegata, fl-amministrazzjoni ta' l-Att, ma tiġix imsejħa biex tixhed jew li tiġi eżaminata dwar xi ħaġa uffiċjali li għandha x'taqsam mal-likwidazzjoni li tkun taħt appell ħlief meta jitlob l-*Accountant General*.

Ordni waqt laqgħat tal-Bord.

8. Sabiex jinżamm il-bon ordni matul is-smiegħ ta' l-appelli, il-Bord huwa vestit b'dawk is-setgħat kollha li bil-Kodiċi huma vestiti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

Firmar u notifika ta' avviżi eċċ.

9. (1) Kull avviż, mandat jew ordni maħruġ mill-Bord għandu jkun iffirmat miċ-*Chairman* u kontro-firmat mis-Segretarju tal-Bord.

(2) Avviż jista' jkun notifikat lil persuna sew personalment jew billi jintbagħat bil-posta fl-indirizz tagħha l-aħħar magħruf tan-negozju jew privat, u għandu, fl-aħħar każ, ħlief jekk jiġi pruvat il-kuntarju, jitqies li kien ġie notifikat, fil-każ ta' persuni residenti f'Malta, mhux aktar tard mit-tielet jum wara l-jum ta' l-impustar, u fil-każ ta' persuni mhux hekk residenti, il-jum ta' wara l-jum li fih l-avviż kien ikun missu s-soltu wasal bil-posta, u fil-prova ta' dik in-notifika jkun biżżejjed li wieħed jipprova illi l-ittra li kien fiha l-avviż kienet ġiet indirizzat u impustata kif jixraq.

Appelli lill-Bord.

10. (1) Appell lill-Bord għandu jsir b'rikors fuq il-Formula A li hemm fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, u għandu jkun iffirmat mill-appellant jew l-aġent tiegħu.

(2) Ir-rikors ta' appell għandu jsir f'żewġ kopji u jiġi preżentat għand is-Segretarju tal-Bord, u kopja waħda minnhom tkun notifikata permezz tas-Segretarju lill-*Accountant General*.

(3) Il-Bord jista' f'kull żmien, jagħti permess li jsir kull tibdil fir-rikors sabiex jagħmluh iktar ċar.

Risposta mill-*Accountant General*.

11. Meta rikors ta' appell jiġi notifikat, l-*Accountant General* għandu, mhux aktar tard minn tmint ijiem wara d-data tan-notifika, jippreżenta għand is-Segretarju tal-Bord risposta f'żewġ kopji fejn igħid ir-raġunijiet tiegħu għaliex jikkontesta r-rikors, u kopja waħda minnhom tkun notifikata lill-appellant.

Smiegħ ta' appelli.

12. (1) Mill-iktar fis possibli wara li l-*Accountant General* jippreżenta r-risposta, jew, meta ma jsirx dan, wara li jgħaddi ż-żmien li fih għandu jippreżentaha, il-Bord għandu jistabbilixxi ġurnata għas-smiegħ ta' l-appell.

(2) L-avviż tal-ġurnata, il-ħin u l-post stabbilit għas-smiegħ ta' l-appell għandu jingħata lill-appellant u lill-*Accountant General* fuq il-Formula B li hemm fl-Iskeda li tinsab ma ' dawn ir-regolamenti.

(3) L-appellant jew l-aġent tiegħu jista' jkun mgħejjun matul is-smiegħ ta' l-appell minn avukat jew prokuratur legali jew minn *accountant*.

(4) L-avviż li jingħata lil xi persuna biex tidher quddiem il-Bord sabiex tixhed u/jew iġġib kotba u dokumenti oħra għandu jsir fil-Formula Ċ li hemm fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Proċedura.

13. Hlief kif provdut espressament xort'oħra b'dawn ir-regolamenti, il-Bord għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess.

Reġistru tal-Bord.

14. L-inkartamenti li jirreferu proċedimenti tal-Bord għandhom jinżammu fir-Reġistru tal-Bord li għandu jkun fil-lokalità stabbilita għat-Taqsima Taxxa fuq l-Infiq.

SKEDA
FORMULA A

(Regolament 10)

Reg. No. .....

ATT TA' L-1990 DWAR TAXXA FUQ L-INFIQ
(ATT NRU. XXII TA' L-1990)

Rikors għal appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli

(Artikolu 11)

Isem u Indirizz ta' l-appellant u ta' l-aġent tiegħu, jekk għandu:—

Lis-Segretarju tal-Bord ta' l-Appelli.

L-appellant jissottometti:—

(i) Illi bi stima li ġġib id-data ta' ..... maħruġa mill-*Accountant General*, l-appellant ġie mgħarraf li l-ammont ta' taxxa fuq l-infiq li għandu jitħallas minnu għax-xahar/xhur ta' stima ..... hu Lm .....

JEW

(ii) Illi b'deċiżjoni tal-*Accountant General* bid-data ta' ..... l-appellant ġie mgħarraf li .....

Illi, skond ma jidhirlu l-appellant, l-imsemmija stima/deċiżjoni hija infondata għal dawn ir-raġunijiet:—

.....

.....

Għaldaqstant l-appellant jissottometti illi l-istima/deċiżjoni fuq imsemmija għandha tiġi emendata kif ġej, jiġifieri:—

.....

.....

.....
Firma ta' l-appellant jew ta'
l-aġent tiegħu.

Ippreżentat minn .....

fi .....

Segretarju tal-Bord ta' l-Appelli.

FORMULA B

(Regolament 12(2))

Nru tar-Reġ .....

ATT TA' L-1990 DWAR TAXXA FUQ L-INFIQ
(ATT NRU. XXII TA' L-1990)

Avviż tal-ġurnata, il-ħin u l-post għas-smiegħ ta' appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli

(Artikolu 11)

Lil: .....

Għandi ngħarrfek illi l-Bord ta' l-Appelli sejjer jisma' nhar ..... ta' ..... fi ..... ġewwa ..... l-appell magħmul minn .....

(i) kontra l-istima tat-taxxa fuq l-infiq magħmula fuq ..... għax-xahar/xhur ta' .....

JEW

(ii) kontra d-deċiżjoni ta' l-*Accountant General* li ġġib id-data .....

Data .....

.....
Chairman tal-Bord ta'
l-Appelli.

.....
Segretarju tal-Bord ta'
l-Appelli.

FORMULA Ċ

(Regolament 12(4))

Nru tar-Reġ .....

ATT TA' L-1990 DWAR TAXXA FUQ L-INFIQ
(ATT NRU. XXII TA' L-1990)

Avviż lil persuna biex tixhed u/jew iġġib kotba, eċċ. quddiem il-Bord ta' l-Appelli

(Artikolu 11)

Lil: .....

Inti b'dan l-avviż meħtieġ biex tidher quddiem il-Bord ta' l-Appelli nhar ..... ta' ..... fi ..... ġewwa ..... sabiex tixhed f'appell magħmul minn .....

(i) dwar l-istima ta' taxxa fuq l-infiq magħmula fuq .....

JEW

(ii) dwar id-deċiżjoni tal-*Accountant General* li ġġib id-data .....

..... u/jew biex iġġib .....

.....

li huma kotba jew dokumenti fil-kustodja tiegħek jew taħt il-kontroll tiegħek u li għandhom rilevanza fuq it-tilwima imsemmija.

Jekk tonqos li tidher u/jew li ġġib miegħek l-imsemmija kotba jew dokumenti tirrendi ruħek passibbli għall-komminazzjonijiet stabbiliti bil-liġi.

Data .....

.....
Chairman tal-Bord ta'
l-Appelli.

.....
Segretarju tal-Bord ta'
l-Appelli.